

**Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)**

9205/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0059 (COD)**

LIMITE

**JAI 647
MIGR 183
COMIX 150
CH
IS
LI
NO**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Dokument tal-Presidenza dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stati Membri oħra

F'dawn l-aħħar snin, kienet ta' prijorità fl-aġenda tagħna politika dwar ir-ritorn aktar effettiva. Jibqa' essenzjali li niżguraw li jkollna politika li tiffunzjona b'mod effettiv u li jirnexxilna nżidu l-ġhadd ta' ritorni mill-UE lejn pajjiżi terzi sabiex is-soċjetajiet tagħna jkunu jistgħu jafdaw fil-kapaċità tal-gvernijiet li jimmaniġġaw il-migrazzjoni u jmexxu r-riżorsi lejn daww fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Politika dwar ir-ritorn effettiva tibgħat ukoll messaggġ ċar liċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi mingħajr ħtiġijiet ta' protezzjoni, u tiskoraġġihom milli jagħmlu vjaġġi perikolużi lejn l-Unjoni Ewropea, u tgħin biex jiġi evitat li l-ħajja tan-nies titqiegħed f'riskju.

Ma hemm l-ebda soluzzjoni ta' malajr biex tinkiseb politika dwar ir-ritorn effettiva. Huwa proċess kumpless li jieħu ħafna ħin, u jinvolvi diversi korpi/awtoritajiet kemm fl-Istati Membri kif ukoll f'pajjiżi terzi.

Biex ikollna politika dwar ir-ritorn effettiva, l-ewwel u qabel kolloxx, neħtieġu qafas legali aġġornat, li għandu jindirizza l-ħtiġijiet tal-Istati Membri u jippermettilna nipproċedu bir-ritorni b'mod rapidu u effettiv. Il-Kummissjoni Ewropea semgħet l-appell tal-mexxejja tagħna biex toħroġ malajr bi proposta għal leġislazzjoni ġdida dwar ir-ritorn li ġiet ippreżentata f'Marzu. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-esperti tagħna kienu impenjati ħafna jiddiskutu l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar ir-Ritorn li jstabbilixxi sistema komuni tal-UE għar-ritorn u jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħha jippermettu lill-awtoritajiet jipproċedu b'ritorni rapidi u effiċjenti.

Il-proposta hija kumplessa u dettaljata ħafna u teħtieġ iż-żmien għad-diskussjonijiet. Madankollu, aħna nemmnu li hemm ħtieġa urġenti li jkun hemm fis-seħħ regoli aġġornati u kontemporanji għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Aħna konvinti li bis-saħħa tad-determinazzjoni tagħna li naħdmu qatigħ fuq dan, u bis-saħħa tal-isforzi kontinwi tal-Istati Membri, nistgħu nistabbilixxu l-pożizzjoni tagħna dwar ir-Regolament propost dwar ir-Ritorn sa tmiem il-Presidenza Daniża. Niddependu fuq l-appoġġ tal-Istati Membri waqt dan l-isforz diffiċli.

Ir-Regolament propost dwar ir-Ritorn iġib miegħu novitajiet differenti. Fid-diskussjoni li jmiss fil-Kunsill ĠAI ta' Ottubru, nixtiequ niffukaw fuq waħda min-novitajiet ewlenin – ir-rikonoxximent reċiproku obligatorju propost ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stati Membri oħra.

Rikonoxximent reċiproku

Matul dawn l-aħħar ftit snin, il-kwistjoni tar-rikonoxximent reċiproku tqajmet fl-ogħla livell, u l-Kunsill Ewropew stieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu d-deċiżjonijiet ta' ritorn ta' xulxin¹. Ir-rikonoxximent reċiproku mhuwiex għodda ġdida u ntlaħaq qbil dwaru bħala għodda fakultattiva sa mill-2001. Id-dibattiti dwar din l-għodda tnedew mill-ġdid għall-ewwel darba fil-kuntest tal-mandat tal-Kunsill dwar ir-Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn fl-2018-2019. Żdiedu xi dispożizzjonijiet aktar b'saħħithom mal-mandat tal-Kunsill dwar din l-għodda, iżda xi Stati Membri ddispjaċihom għan-nuqqas ta' soluzzjoni sostanzjali dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ta' ritorn fir-riformulazzjoni.

Fil-proposta tagħha għar-Regolament dwar ir-Ritorn, il-Kummissjoni saħħet b'mod konsiderevoli r-rikonoxximent reċiproku billi għamlet ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stati Membri oħra obligatorju wara perjodu tranżitorju. Il-Kummissjoni tqis ir-rikonoxximent reċiproku obligatorju bħala wieħed mill-komponenti ewlenin tas-sistema Ewropea komuni għar-ritorni proposta mill-Kummissjoni.

L-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li r-rikonoxximent reċiproku obligatorju jibgħat messaġġ ċar mhux biss lin-nazzjonali kollha ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, iżda wkoll liċ-ċittadini tagħna, li ladarba tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn f'wieħed mill-Istati Membri, din ser tiġi implimentata fiż-żona Schengen kollha. Skont il-Kummissjoni, għandu jiskoraġġixxi wkoll il-ħrib u jiddizincientiva l-movimenti sekondarji, li tibqa' sfida importanti, u ssaħħaħ ir-ritorn volontarju. Mil-lat prattiku, ir-rikonoxximent reċiproku, iffaċilitat minn Ordni Ewropea ta' Ritorn, li skont il-Kummissjoni, ser jikkomplementa d-deċiżjonijiet ta' ritorn nazzjonali u jinkludi l-elementi ewlenin tagħhom, għandu jipprovdli simplifikazzjoni proċedurali, jevita d-duplikazzjoni u jippermetti lill-Istati Membri ma jibdexx il-proċess ta' ritorn minn zero, iżda pjuttost jirkuprah mill-mument fejn jinfurza id-deċiżjoni ta' ritorn.

¹ Pereżempju Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Frar 2023, 1/23.

Waqf id-diskussjonijiet dwar ir-Regolament propost dwar ir-Ritorn fil-laqgħat tal-grupp ta' ħidma dwar l-Integrazzjoni, il-Migrazzjoni u t-Tkeċċija (IMEX Tkeċċija), ħafna Stati Membri indikaw il-ħtieġa għal flessibbiltà u r-riskju ta' piż amministrattiv, anke fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku u l-Ordni Ewropea ta' Ritorn. Ħafna Stati Membri jemmnu li kwistjonijiet legali, prattiċi u operazzjonali differenti ser iwasslu għal sitwazzjoni fejn il-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn nazzjonali, minflok ir-rikonoxximent ta' waħda maħruġa minn Stat Membru ieħor, ikun inqas ta' piż, aktar rapidu u aktar effettiv.

Il-Presidenza tifhem l-importanza tas-sinjal li jintbagħat mir-rikonoxximent reċiproku obligatorju tad-deċiżjonijiet ta' ritorn, iżda tisma' wkoll l-appell qawwi mill-Istati Membri għall-flessibbiltà. Nemmu li dan jista' jinkiseb billi jiġu introdotti ċerti bidliet fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-rikonoxximent reċiproku obligatorju li ġew proposti mill-Kummissjoni.

Għalhekk, fil-proposta ta' kompromess tagħha l-Presidenza żiedet ***eċċezzjonijiet addizzjonali*** fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku obligatorju. L-aktar importanti huwa li fejn jitqies li l-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn ġdida jwassal għal ritorn jew tneħħija aktar rapida u aktar effettiva, l-Istati Membri għandhom jitħallew isegwu din it-triq bil-ħsieb li jiġu żgurati ritorni rapidi. Dan japplika wkoll meta n-nazzjonal ta' pajjiż terz jiġi ttrasferit lejn Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 23a tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew skont ftehimiet jew arranġamenti bilaterali. Il-proposta ta' kompromess tiċċara wkoll li l-każijiet ta' Dublin mhumieks koperti.

Barra minn hekk, ***l-Istati Membri għandhom jingħataw aktar żmien qabel ma r-rikonoxximent reċiproku jsir obligatorju*** biex tiġi żgurata tħejjija aħjar għal dan il-pass importanti.

Ir-rikonoxximent reċiproku ser isir obligatorju tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Patt, minflok sena wara, kif propost mill-Kummissjoni.

Elementi oħra fil-proposta ta' kompromess tal-Presidenza jinkludu li ma jsirx obligatorju l-użu tal-Ordni Ewropea ta' Ritorn, u b'hekk jiġi rifless it-tħassib tal-Istati Membri dwar l-evitar ta' piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa, u t-tneħħija tal-mekkaniżmu kumpless ta' kumpens għar-rimborż ta' spejjeż relatati mar-ritorn meta tiġi implimentata d-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor.

Dawn l-elementi ***għandhom jipprovdu wkoll il-flessibbiltà meħtieġa*** li qed ifittxu l-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, il-proposta tagħna li jsir ***rieżami futur tal-effettività tar-rikonoxximent reċiproku obligatorju mill-Kummissjoni*** u l-possibbiltà li jiġu proposti emendi mmirati, għandhom jgħinu biex ikollna mekkaniżmu li jibqa' validu fil-futur.

Il-Presidenza temmen li l-elementi kollha msemmija hawn fuq, li jġibu flessibbiltà addizzjonali għall-Istati Membri, għandhom jippermettu biex fil-futur qrib ikollna rikonoxximent reċiproku obligatorju tad-deċiżjonijiet ta' ritorn fl-Unjoni Ewropea, li jibgħat messaġġ qawwi li r-ritorn ma jistax jiġi evitat sempliċiment permezz ta' ħrib lejn Stat Membru ieħor u fl-istess ħin jiżgura li r-ritorni jseħħu bl-aktar mod rapidu u malajr kemm jista' jkun. Dan huwa wkoll qasam tar-Regolament fejn ser ikun essenzjali li l-Istati Membri juru rieda għal kompromess sabiex isir progress fil-proposta.

Fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ĠAI ta' Ottubru, il-Ministri mistiedna jaqblu dwar is-soluzzjoni deskritta hawn fuq biex jinkiseb rikonoxximent reċiproku obligatorju ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stati Membri oħra.

Il-Ministri mistiedna wkoll jikkummentaw dwar il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tal-eċċezzjonijiet addizzjonali għar-rikonoxximent reċiproku obligatorju bil-ħsieb li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-kisba tal-potenzjal sħiħ tar-rikonoxximent reċiproku u ż-żamma tal-flessibbiltà.